MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 917/2006

**Creations The Ultimate in Bathroom Elegance Limited**

**(C-23867)**

**vs**

**Samir R u Sonal S konjugi Raichoora**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti giet imqabbda mill-intimati sabiex taghmel xoghol ta’ turnkey fl-appartament Numru 311, Town Square, Sliema;

Il-haddiema illi gew imqabbda mis-socjetà rikorrenti wettqu x-xoghol in kwistjoni skond is-sena u l-arti;

Ghal dan ix-xoghol ta’ turnkey s-socjetà rikorrenti ghad baqalha tiehu bilanc ammontanti ghal ghaxart elef disa’ mija u dsatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm10,919.16), liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud, u ghalhekk is-socjetà rikorrenti hija kreditrici tal-intimati f’dan l-istess ammont;

Ghalkemm debitament interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont, l-intimati baqghu inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti tiddikjara illi l-intimati huma debituri versu s-socjetà rikorrenti fl-ammont ta’ ghaxart elef disa’ mija u dsatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm10,919.16), rapprezentanti prezz ta’ xogholijiet ta’ turnkey maghmula mis-socjetà rikorrenti fuq inkarigu tal-intimati stess, inkluz it-taxxa fuq il-valur mizjud, u tikkundanna ghar-ragunijiet hawn fuq premessi lill-istess intimati ihallsu dan l-ammont imsemmi;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandati ta’ Qbid u Sekwestru prezentati kontestwalment ma’ dan l-att u bl-imghax legali mid-dati tal-fatturi kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Samir R. u Sonal S. konjugi Raichoora li in forza taghha eccepew illi:

1. Il-kawza odjerna hija dezerta, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tieqaf milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kien il-konvenut Samir Raichoora wahdu li dahal f’kuntratt ta’ appalt mas-socjetà attrici u li ghalhekk il-konvenuta Sonal Raichoora ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi l-intimati huma persuni ta’ nazzjonalità barranija u ghalhekk il-komunjoni tal-akkwisti ma tiggovernax r-regim matrimonjali taghhom;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, t-talbiet tas-socjetà attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi (i) gja gie effetwat pagament rigward x-xoghol espletat mis-socjetà attrici; (ii) illi s-socjetà naqset milli tespleta x-xogholijiet kollha li ghalihom giet mqabbda, u ghalhekk ma tistax tippretendi pagamenti rigward dawn ix-xogholijiet mhux espletati u oltre dan parti mix-xoghol li gie maghmul sar b’mod hazin u mhux skond l-arti u s-sengha;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Bl-ispejjez kontra s-socjetà rikorrenti.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet xhieda viva voce.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza s-socjetà attrici qed tfittex hlas ta' somma ta' Lm10,919.16, bilanc ta' somma akbar dovuta ghal xoghol minnha esegwit fi proprjetà tal-intimati. L-intimati jilqghu ghall-kawza l-ewwelnett billi jeccepixxu d-dezerzjoni ai termini tal-Art. 963 u 964 tal-Kap. 12. Isostnu li Sonal Raichoora ma kellha x'taqsam xejn fil-kuntratt tal-appalt. Finalment, isostnu li ghalkemm effettivament mill-ammont dovut baqa x'jithallsu €6552.80, dan ukoll m'ghandux jithallas ghaliex ix-xoghol sar hazin.

Ikkunsidrat illi huwa doveruz ghal din il-Qorti li tenfasizza li huwa l-principju fil-pern tas-sistema gudizzjarju illi min jallega jrid jipprova. Dan qieghed jinghad kemm in relazzjoni mal-fondatezza tat-talbiet attrici kif ukoll ghall-eccezzjonijiet imressqa mill-intimati.

L-intimati jeccepixxi preliminarjament id-dezerzjoni tal-kawza a tenur tal-Art. 963 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza ricentissima tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Pavia – Camilleri (27 ta' Gunju 2014), u ghalhekk, galadarba din il-Qorti ma kienet tat ebda ordni skond l-Art. 963(3), din il-kawza ma tistax titqies dezerta. Din l-eccezzjoni qeghda ghalhekk tigi michuda.

Dan premess il-Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat u tillibera lil Sonal Raichoora mill-osservanza tal-gudizzjarju. Ma jirrizultax illi l-imsemmija konjugi kienet partecipi f'xi ftehim bejn il-partijiet u lanqas ma jirrizulta illi bejn il-partijiet tezisti l-komunjoni tal-akkwisti li tkun tista tirrendiha responsabbli f'xi cirkostanzi. Din il-Qorti tqis li Sonal Raichoora tharrket inutilment.

Ghal dak li hu l-mertu, l-Qorti tinnota ferm stramb il-fatt li hadd mill-partijiet f'dawn il-proceduri ma wera lill-Qorti kopja tal-ftehim originali bejn il-partijiet. Din il-Qorti ma tistax temmen li progett ta' ammont mhux zghir jigi fdat bla ma jigi ffirmat ftehim ad hoc dettaljat dwar konsistenza tax-xogholijiet, hlasijiet u termini ta' tlestija. Il-Qorti ma temminx li kull ma gie ffirmat kien id-dokument a fol. 103. Il-Qorti kkunsidrat illi s-socjetà attrici tramite d-dirigenti taghha, baqghet isostni li l-bilanc li ghadu dovut huwa fl-ammont ta' Lm10,919.16. Sabiex issostni din l-allegazjoni gew imressqa zewg dokumenti wiehed md-dehra tieghu "statement of account", li skond l-istess dokument, juri li l-ammont originali miftiehem kien ta' Lm29,435.51, li minnu thallsu Lm18,000.

Mill-banda l-ohra, pero', l-intimat Raichoora ressaq bhala prova dokument iehor, mhux datat, pero' li jgib il-firem tal-partijiet, li juri ammont globali ta' Lm39,590.12 u jinkludi "airconditioning" bhala wiehed mill-"items" elenkati. Madankollu, Johann Camilleri, direttur tas-socjetà rikorrenti jsostni li l-ftehim dwar "airconditioning" sar direttament mas-socjetà Maresco u huma ma kellhomx x'jaqsmu mieghu. L-ebda wiehed mill-ammonti hemm imnizzla ma jirrifletti xi ammont imnizzel f'dak id-dokument tenut bhala rendikont.

Fid-dawl ta' dawn id-diskrepanzi kollha, partikolarment meta hadd mill-partijiet ma ressaq lill-Qorti kopja tal-ftehim originali bejn il-partijiet, din il-Qorti m'hija bl-ebda mod konvinta dwar ebda cifra li giet allegata li hi dovuta. Hawnhekk il-Qorti tinnota wkoll illi Samir Raichoora, filwaqt li jammetti li ghadha dovuta somma minuri ghax-xogholijiet, isemmi li s-socjetà attrici qeghda tippretendi minghandu hlas dovut minn terza persuna. Is-socjetà rikorrenti ma ssemmi xejn dwar dan. Lanqas ma tikkontradixxi fir-rigward dak li jghid l-intimat, li huwa konfortat fir-rigward mill-ittra interpellatorja lilu mibghuta li tinkludi dak dovut mit-terza persuna mal-ammonti mitluba minghand l-intimat.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tqis li s-socjetà rikorrenti rnexxielha tipprova l-allegazzjoni taghha dwar id-dovut, ghajr ghall-ammont ta' Lm2813.12, somma ammessa mill-istess intimat.

Finalment, l-intimat jeccepixxi inoltre illi s-socjetà attrici naqset milli tespleta x-xogholijiet kollha kif ukoll li x-xoghol sar hazin. In sostenn ta' dan kollu, l-intimat ma gabx provi biex iwassal lill-Qorti taqbel mieghu. Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li

x-xoghol ma sarx kollu, il-Qorti tqis li galadarba ma ngabet lilha ebda prova ta' x'kien gie miftiehem, ma tistax serenament tasal ghall-konkluzjoni li x-xoghol ma sarx kollu.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni li x-xoghol sar hazin, il-Qorti tinnota li ghalkemm kien kemm xi nuqqasijiet meta gie kompletat l-appalt, jirrizulta li dawn gew rrangati mis-socjetà rikorrenti.  Ghalkemm l-intimat ressaq diversi ritratti li juru difetti, ma jirrizulta minn imkien meta ttiehdu, cioe' jekk hux wara jew qabel ma saru t-tiswijiet li jsemmu d-dirigenti tas-socjetà.  Lanqas ma jirrizulta min ha l-istess ritratti.  Inoltre, ghalkemm l-intimat isemmi li kiseb parir professjonali ta' perit, ma ressaq ebda prova fir-rigward.  Ghaldaqstant, lanqas l-allegazzjoni tieghu li x-xoghol sar hazin ma tista' titqies pruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati, tilqa' t-tieni ecezzjoni u tillibera lil Sonal Raichoora mill-osservanza tal-gudizzju; tichad it-tielet eccezzjoni u ghalhekk tikkundanna lil Samir Raichoora jhallas lil Creations The Ultimate in Bathroom Elegance is-somma ta' €6552.80 (sitt elef hames mija u tnejn u hamsin Ewro u tmenin centezmu).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------